# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili
# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 75/99 AJM

Kawza numru

Joseph u Ruth konjugi Debono

Vs

Fredrick Curmi u Elizabeth Galea

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-13 ta' Jannar 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' sitt elef tmien mija u sebghin lira maltin (LM6870) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz dovut in konsiderazzjoni tal-assenjament u trasferiment a favur tal-konvenuti tan-negozju, drittijiet ta' kera, kull dritt ta' avvjament, l-istock kollu u makkinarju gestit u li jinsab gewwa l-fond Snips, Triq id-Dielja, Attard, kif jirrizulta ahjar mill-iskrittura tal-5 ta' Frar 1998 Dok A; illi l-konvenuti interpellati jhallsu s-somma fuq indikata baqghu inadempjenti; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti milligi a tenur ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-feha tal-atturi, l-konvenuti ma'

ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba ghall-hlas tal-atturi; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom, ihallsu lill-atturi s-somma ta' LM6870.00 dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri legali datati u 6 ta' Jannar 1998, bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni u b'hekk il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Frar 1999 meta l-konvenuti nghataw l-fakolta' li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut ppresentata fit-8 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici gahndhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi fl-ewwel lok it-talba attrici ghal hlas tal-bilanc kollu hija intempestiva stante illi dana mhux kollu skadut u dovut kif jirrizulta minn l-istess skrittura 5 ta' Frar 1998.
2. Illi blapregudizzju waqt li kienu qed isiru t-trattativi tal-bejgh, l-atturi kienu taw lill-konvenuti lista tal-oggetti li kienu jinsabu fil-hanut in kwistjoni, bil-valur korrispettiv taghhom, izda gara,

wara li kien sar il-bejgh, illi ma kienx minnu li kien hemm gewwa il-hanut l-oggetti u valur dikjarat minn l-istess atturi.

3. Illi di fatti kienu saru diskusjonijiet sabiex jintlahaq ftehim dwar l-ammont verament dovut lill-atturi, pero' dawn ma kellhom ebda ezitu pozittiv u minhabba f'hekk qeghedha tigi ukoll prezentata kontro talba relattiva ghal dan in-negozju.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti fejn wara li ppremettew illi permezz ta' skrittura datata 5 ta' Frar 1998 maghmula bejn il-partijiet, kien gie miftiehem illi jigi trasferit in-negozju u oggetti hemm indikati u dana ghall-prezz hemm indikat; illi meta l-konvenuti kienu hadu pussess tal-hanut u bdew jaraw il-kontenut tieghu, tfacca illi ma kienx minnu illi li dak li kienu iddikjaraw l-atturi li kien hemm gewwa l-hanut, kien verament jinsab hemm; illi jirrizulta illi l-atturi zgwidaw lill-konvenuti dwar dan il-valur tan-negozju lilhom trasferit billi rrizulta illi l-ammont miftiehem ma kienx jirrifletti il-verita tal-valur tal-oggetti misjuba u kunsiderazzjonijiet ohra; talbu lid in il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-atturi kienu konxjentament zgwidaw lill-konvenuti dwar valuri tal-oggetti mibjugha lilhom fil-kuntratt datat 5 ta' Frar 1998;
2. tillikwida l-ammont li ghandu jitnaqqas minn l-ammont miftiehem, stante illi dan in-nuqqas huwa gustifikat u jirrifletti r-realta' tal-affarijiet misjuba fil-hanut;
3. tordna li l-ammont miftiehem fl-iskrittura datata 5 ta' Frar 1998 ghandu jig rivedut u minfloku jigi sostitwit bl-ammont wara li jitnaqqas l-ammont likwidat fit-tieni talba.

Bl-ispejjes kontra l-atturi rikonvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti rikonvenjenti.

Rat in-nota tal-atturi ppresentata fis-26 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante illi l-eccipjenti assolutament mhux minnu li b'xi mod zgwidaw lill-konvenuti dwar il-valur ta' l-oggetti mibjugha lilhom fil-kuntratt datat 5 ta' Frar 1998, izda anzi kienu l-istess konvenuti li rriducew it-talba originali tal-eccipjenti ghall-prezz miftiehem u li dwaru kien sar qbil ta' hdax-il elf u hames mitt lira (LM11,500).
2. Illi l-eccipjenti kienu ukoll ftehmu mall-konvenuti li l-prezz indikat fl-iskrittura ikun wiehed globali li kellu jinkludi d-dritt tal-avvjament tal-hanut "Snipes", li stock kollu, photocopier, cash register "kollox inkluz xejn eskluz" u l-ebda oggett ma kien stmat b'xi valur partikolari.
3. Illi ghal dak li jirrigwarda valur tal-istock, l-ebda wahda mill-partijiet li dehru fuq l-iskrittura tal-5 ta' Frar 1998 ma ghamlet xi forma ta' stock taking u l-konvenut qatt ma pprezentaw lill-eccipjenti b'xi forma ta' stock take jew valur ta' l-oggetti tant li mal-istess skrittura fuq riferita l-partijiet ma nizzlu ebda valur partikolari ghal xi oggett partikolari jew xi lista ta'oggetti li kienu jinsabu fil-hanut fil-mument tat-trasferiment.
4. Illi l-konvenuti minkejja illi l-iskrittura mal-eccipjenti ghamluha fil-5 ta' Frar 1998 ghall-ewwel darba verbalment ikkontestaw

l-valur tal-oggetti biss ghal habta ta' Awissu/Settembru 1998 u dana wara li numru konsiderevli ta' oggetti kienu inbieghu u inhargu mill-fond in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-atturi.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Hadet konjizzjoni tan-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fil-5 ta' Frar 1998 giet iffirmata skrittura privata bejn il-kontendenti li kienet tinkorpora t-trasferiment mill-atturi lill-konvenuti tal-kirja tal-hanut li kien jifforma mertu ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 8 ta' Gunju 1995 bejn il-konjugi Galea, genituri tal-konvenuta Elizabeth Galea, u l-atturi odjerni. Ghalkemm ma jinghad xejn fl-imsemmija skrittura jidher li hemm qbil li l-fond mertu ta' din it-transazzjoni kien il-hanut gewwa Triq id-Dielja, Attard maghruf bl-isem "Snips". Fil paragrafu operattiv ta' din l-iskrittura jinghad hekk:-

*"U presenzjalment il-konjugi Debono qeghdin jassenjaw u jittrasferixxu d-drittijiet kollha lilhom naxxenti mill-kuntratt ta' kera iffirmat mal-komparenti konjugi Galea fit-8 ta' Gunju 1995 inkluz kull dritt ta'*

*avvjament, l-istock kollu, photocopier, cash register, kollox inkluz xejn eskluz, hlief ghal xi stock 'on consignment' u dana versu korrispettiv ta' hdax il-elf hames mitt lira maltin (LM11,500) li jithallsu in kwantu ghal LM3,000 jithallsu fi zmien jumejn millum u l-bilanc jithallas b'pagamenti ta' mhux anqas minn mitejn u hamsin lira (LM250) fix-xahar u l-ewwel pagament isir fl-1 ta' Marzu 1998."*

Mal-iffirmar tal-kuntratt il-konvenuti hallsu l-ammont ta' LM3,000 u hadu pussess tal-hanut u bdew jiggestuh u jhallsu l-pagament mensili miftehema. Gara pero' li wara xi zmien qam disgwid bejn il-kontendenti billi l-konvenuti kienu qed ihossu li gew "overcharged" ghax ma kienx hemm li stock kollu mwieghed u certa oggetti kienu gew murija bi prezz ghola minn dak tas-suq. Il-konvenuti ghalhekk waqfu l-pagamenti u ppretendew li jkun hemm riduzzjoni fil-prezz miftiehem. Infatti ghat-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc dovut giet intavolata kontro talba sabiex jigi determinat l-prezz reali tat-trasferiment u l-ammont indikat fil-kuntratt konsegwen-tement jitnaqqas.

Ikkunsidrat:-

It-tilolu VI tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jittrattat dwar l-istitut tal-Bejgh jispjega li l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz hlief meta tali bejgh jkun sogget ghall-uzin, l-ghadd jew il-kejl fliema kaz il-hwejjeg mibjugha jibqghu ghar-riskju tal-bejjiegh sakemm ma jigux mizuna, maghduda jew imkejla u f'kaz ta' nuqqas ta' konsenja tal-oggetti mwiegheda ix-xerrej jkollu dritt ghad-danni.

Il-ligi tkompli tghid li jekk il-hwejjeg jkunu gew mibjugha kollha f'salt il-bejgh hu perfett, ghalkemm il-hwejjeg ikunu ghad ma gewx mizuna, maghduda jew imkejla, billi l-prezz tal-bejgh ma jkunx jikkontempla tali kejl, ghadd jew mizien.

Issa fil-kaz in ezami ghalkemm sar hafna diskors mill-konvenuti dwar "stock take" li kellu jigi rifless fil-prezz miftiehem, fatt li huwa kkontestat mill-atturi, ma jirrizultax li fl-att ta' tarsferiment u cioe l-kuntratt tal-5 ta' Frar 1998 jissemma xi haga dwar dan. L-istess konvenut jghid li quddiem in-Nutar li rrediga l-kuntratt, ma issema xejn dwar dan u l-partijiet iffirmaw dak li tnizzel u inqara lilhom minghajr ebda rizervi.

Dan jirrifletti dak li qed jsostnu l-atturi u li fil-fehma tal-Qorti sehh waqt it-trattativi ta' bejn il-kontendenti. Infatti jirrizulta li l-prezz originarjament rikjest mill-atturi kien ta' LM14,500. Izda wara diskors bejn il-partijiet interessati dan gie ridott ghall-prezz indikat fil-kuntratt li effettivament kien anqas bis-somma ta' LM3,000. Barra minn hekk ma jirrizulta ebda 'stock take' li wiehed jista' joqghod fuqu. L-attur jghid li huwa uza bhala 'stock take' dak li kien ghamel f'Dicembru tas-sena precedenti ghal fini tat-taxxa u assikurazzjoni u kompla jiffinalizzah qabel il-konkluzzjoni tal-bejgh u dan anke fil-presenza tal-konvenut Curmi. Il-konvenuti ghamlu 'stock take' pero' dan mhux fil-presenza ta' l-atturi u lanqas ma jidher li huwa ffirmat jew accettat mill-istess atturi. Apparti dan ghalkemm jidher li l-konvenuti ghamlu li 'stock take' taghhom immedjatament wara li hadu l-pussess tal-hanut, huma ma oggezzjonawx ghall-affarijiet nieqsa jew "overcharged" hlief hafna zmien wara u meta kienu gja ghamlu diversi pagamenti rateali akkont.

Minn dan jidher li l-ftehim bejn il-kontendenti kien ta' trasferiment ta' hanut bli stock u l-avvjament tieghu, kif jinghad fl-istess kuntratt tal-5 ta' Frar 1998 "kollox inkluz xejn eskluz" u ma kien hemm ebda referenza jew riserva dwar 'stock take' jew tibdil fil-prezz kemm-il darba dan ma jirriflettix l-entita' jew prezz ta' l-oggetti mibjugha. Jekk il-konvenuti riedu dan kellhom jindikaw mill-ewwel l-intenzjoni taghhom u l-fatt li, kif jghidu huma, gara kollox f'salt, ma jagevolahom xejn billi l-kuntratt jitkellem wahdu.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita jigi rilevat li koncessjoni ta' dilazzjoni fil-pagamenti f'obbligazzjoni ta' natura kummercjali ma tibqax vigenti meta l-obbligat jonqos milli jonora l-obbligi tieghu, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontro talba taghhom, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' sitt elef tmien mija u sebghin lira maltin (LM6,870.00) rappresentanti ammont bilancjali dovut fuq il-prezz ta' trasferiment ta' hanut bl-avvjament u li stock tieghu, kif inghad fuq u dana bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri